

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.4768 — CRH/Cementbouw)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għall-proċedura simplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2007/C 162/10)

1. Fl-10 ta' Lulju 2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża CRH Nederland B.V. ("CRH", l-Olanda), propjetà ta' CRH plc Group ("CRH plc", l-Irlanda) takkwista, fl-ambitu tat-tifsira ta' l-Artikolu 3(1) (b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll kollu ta' l-impriża Cementbouw B.V. ("Cementbouw", l-Olanda), permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet tan-negozju ta' l-impriżi kkonċernati huma:

— għall-impriża CRH: il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' materjal tal-bini (bħal konkos, materjal ta' kisi ta' uċuħ, konkos diġà mħallat) u prodotti għall-industrija tal-konstruzzjoni (bħal prodotti tal-konkos *pre-cast*, briks, u madum);

— għall-impriża CRH plc: il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' materjali u prodotti għall-industrija tal-konstruzzjoni;

— għall-impriża Cementbouw: kummerċ bl-ingorssa ta' konkos u materjali oħra ta' twaħħil u l-produzzjoni ta' konkos diġà mħallat.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni sabet li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skond l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skond il-proċedura stipulata fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex jissottomettu lill-Kummissjoni l-osservazzjonijiet li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Dawn l-osservazzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (faks nru. (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.4768 — CRH/Cementbouw, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni,
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Brussell

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

⁽²⁾ ĠUC 56, 5.3.2005, p. 32.